MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 553/2013

**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**
**VS**
**JAN CURMI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jan Curmi ta’ 20 sena, bin Marco u Judy nee’ Fenech, mwieled Pieta’ fis- 27 ta’ Settembru 1992, residenti St Topez, Flat 5, Triq Principessa Margerita, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 466392M;

Talli nhar is- 7 ta’ Settembru 2012 ghal habta tal- 15.30hrs gewwa l- Gymnasium tal- Qroqq l- Msida, ikkommetta serq ta’ telefon cellulari ta’ marka HTC ghad- dannu ta’ Bernard Bezzina u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- valur li jiskorri €232.94;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi r-res furtiva giet ritornata, u l-imputat ghen lill-Pulizija fl-indagini taghhom;

Rat il-fedina penali netta u l-eta' tenera tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------